# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

5 ta’ Mejju 2011 *

Fil-Kawża C-384/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mit-Tribunal de grande instance de Paris (Franza), permezz ta’ deċiżjoni tad-9 ta’ Settembru 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta’ Settembru 2009, fil-proċedura

**Prunus SARL,**

**Polonium SA**

vs

**Directeur des services fiscaux,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, D. Šváby, R. Silva de Lapuerta, E. Juhász u G. Arestis (Relatur), Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,
Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-23 ta' Settembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Prunus SARL u Polonium SA, minn P. Guillet u E. Clément, avukati,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues, A. Adam u J.-S. Pilczer, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux u M. Jacobs, bħala aġenti,

— għall-Gvern Daniż, minn B. Weis Fogh, bħala aġent,

— għall-Gvern Estonjan, minn L. Uibo, bħala aġent

— għall-Gvern Spanjol, minn M. Muños Pérez, bħala aġent,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u B. Koopman, bħala aġenti,

— għall-Gvern Svediż, minn A. Falk u C. Meyer-Seitz, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn H. Walker, bħala aġent, assistita minn S. Ford, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Lyal u J.-P. Keppenne, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2010,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 63 TFUE *et seq.* Id-domandi mqajma fil-kawża preżenti jikkonsistu, essenzjalment, f'li jiġi

stabbilit, minn naħa, jekk it-taxxa Franċiża fuq il-valur fis-suq tal-proprjetà immobbli fi Franza ta’ kumpannija stabbilita fi Stat Membru tapplikax ukoll meta l-kumpannija hija stabbilita f’pajjiż u territorju extra-Ewropej (iktar ’il quddiem “PTEE”), fil-każ preżenti l-Gżejjer Verġni Britanniċi u, min-naħa l-oħra, jekk ir-responsabbiltà *in solidum* għall-ħlas ta’ din it-taxxa li tapplika għal kull persuna ġuridika mqiegħda bejn id-debitur tal-imsemmija taxxa u l-proprjetà immobbli li tinsab fi Franza tikkostitwixxix restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-kapital.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża bejn Prunus SARL (iktar ’il quddiem “Prunus”) u Polonium SA (iktar ’il quddiem “Polonium”) kontra d-Directeur général des impôts u d-directeur des services fiscaux d’Aix-en-Provence (iktar ’il quddiem, flimkien, l-“Amministrazzjoni fiskali Franċiża”), rigward il-ħlas li Prunus kienet obbligata li tagħmel *in solidum* minħabba li kienet suġġetta għat-taxxa fuq il-valur fis-suq tal-proprjetà immobbli fi Franza ta’ persuni ġuridiċi (iktar ’il quddiem it-“taxxa ta’ 3 %”) ta’ żewġ kumpanniji li għandhom ishma fil-kapital azzjonarju ta’ Prunus.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Fil-25 ta’ Lulju 1991, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 91/482/KEE dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi jew territorji extra-Ewropej (iktar ’il quddiem il-“PTEE”) għall-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU L 263, p. 1, iktar ’il quddiem is-“Sitt Deċiżjoni PTEE”), li kienet applikabbli sal-1 ta’ Diċembru 2001.

4 Fir-rigward tal-movimenti tal-kapital, l-Artikolu 180(1) tas-Sitt deċiżjoni PTEE jipprovdi:

"Għal dak illi jirrigwarda l-moviment tal-kapital marbut ma' investimenti u pagamenti korrenti, l-awtoritajiet kompetenti tal-PTEE u l-Istati Membri tal-Komunità ma għandhomx jadottaw, fis-settur tat-tranżazzjonijiet tal-kambju, provvedimenti inkompatibbli mal-obbligi tagħhom naxxenti mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni dwar l-iskambju tal-merkanzija u tas-servizzi, tal-istabbiliment u tal-kooperazzjoni industrijali. B'danakollu dawn l-obbligi ma jimpedixxux l-adozzjoni tal-miżuri neċessarji ta' ħarsien minħabba raġunijiet ta' diffikultajiet ekonomiċi serji, jew problemi serji ta' bilanċ ta' pagamenti." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5 Fis-27 ta' Novembru 2001, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2001/822/KE, dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni ta' assoċjazzjoni extra-Ewropea") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 38, p. 319, iktar 'il quddiem is-"Seba' Deċiżjoni PTEE"), li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2001.

6 Fir-rigward tal-movimenti tal-kapital, l-Artikolu 47(1)(b) tas-Seba' Deċiżjoni PTEE jipprovdi li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, "rigward transazzonijiet fuq il-kont kapitali ta' bilanċ ta' ħlasijiet, l-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-PTLHB [PTEE] ma għandhom jimponu l-ebda restrizzjoni fuq il-moviment liberu ta' kapital għal investimenti diretti f'kumpaniji iffurmati bi qbil mal-liġijiet tal-Istat Membru, pajjiż jew territorju ospitanti u biex jiġi żgurat li l-assi ffurmati minn dan l-investiment u kull qligħ li joħroġ minnu jkun jista' jiġi realizzat u miġjub lura fil-pajjiż." Il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu jipprovdi li l-Unjoni Ewropea, l-Istati

Membri u l-PTEE jistgħu, fost l-oħrajn, jieħdu l-miżuri pprovduti *mutatis mutandis* fl-Artikolu 64 TFUE, b'mod konformi mal-kundizzjonijiet li huma ddefiniti fih.

*Id-dritt nazzjonali*

7 L-Artikoli 990 D *et seq*, tal-Code général des impôts (iktar 'il quddiem is-"CGI") jifformaw parti mill-miżuri adottati mil-leġiżlatur Franċiż bil-għan li jiġu miġġielda ċerti forom ta' evażjoni fiskali.

8 L-Artikolu 990 D tas-CGI, kif applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali, jipprovdi:

"Il-persuni ġuridiċi li, direttament jew permezz ta' intermedjarju, jippossjedu proprjetà immobbli waħda jew iktar li jkunu jinsabu fi Franza jew li jkollhom drittijiet *in rem* fuq din il-proprjetà immobbli għandhom iħallsu taxxa annwali ekwivalenti għal 3 % fuq il-valur fis-suq ta' din il-proprjetà immobbli jew ta' dawn id-drittijiet.

Kull persuna ġuridika li għandha sehem, irrispettivament mill-forma u l-kwantità, f'persuna ġuridika li hija l-proprjetarja ta' proprjetà immobbli jew ta' drittijiet fuq proprjetà immobbli jew li għandha sehem f'persuna ġuridika terza, li hi hija stess il-proprjetarja ta' proprjetà jew ta' drittijiet jew intermedjarja fil-katina tal-ishma, hija kkunsidrata li tipposjedi proprjetà p immobbli jew drittijiet fuq proprjetà immobbli fi Franza permezz ta' intermedjarju. Din id-dispożizzjoni tapplika rrispettivament min-numru ta' persuni ġuridiċi intermedjarji".

9 L-Artikolu 990 E tas-CGI, kif applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali, jipprovdi:

"It-taxxa prevista fl-Artikolu 990 D ma tapplikax:

1. Għall-persuni ġuridiċi li l-assi proprjetà immobbli tagħhom, skont l-Artikolu 990 D, li jinsabu fi Franza, jirrappreżentaw inqas minn 50 % tal-assi Franċiżi. Għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, ma humiex inklużi fl-assi proprjetà immobbli l-assi li l-persuni ġuridiċi previsti fl-Artikolu 990 D jew l-intermedjarji jallokaw għall-attività professjonali tagħhom minbarra l-proprjetà proprjetà immobbli;

2. Għall-persuni ġuridiċi li, peress li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiż jew territorju li jkun ikkonkluda ma' Franza konvenzjoni dwar għajnuna amministrattiva bil-għan li jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni fiskali, jiddikjaraw kull sena, sa mhux iktar tard mill-15 ta' Mejju, fil-post stabbilit mid-digriet previst fl-Artikolu 990 F, il-post, id-deskrizzjoni u l-valur tal-proprjetà immobbli fil-pussess tagħhom fl-1 ta' Jannar, l-identità u l-indirizz tas-soċji tagħhom fl-istess data u n-numru ta' azzjonijiet jew ta' ishma miżmuma minn kull wieħed minnhom;

3. Għall-persuni ġuridiċi li għandhom is-sede ta' tmexxija effettiva tagħhom fi Franza u għall-persuni ġuridiċi l-oħra li, bis-saħħa ta' konvenzjoni, ma għandhomx jiġu suġġetti għal taxxa ogħla, jekk kull sena huma jikkomunikaw, jew jieħdu u josservaw l-impenn li jikkomunikaw lill-awtoritajiet tat-taxxa, fuq talba tagħhom, il-post u d-deskrizzjoni tal-proprjetà immobbli li huma jkunu jippossjedu fl-1 ta' Jannar, l-identità u l-indirizz tal-azzjonisti, tas-soċji jew tal-membri l-oħra tagħhom, in-numru ta' azzjonijiet, ishma jew drittijiet oħra miżmuma minn kull wieħed minnhom u l-prova tar-residenza fiskali tagħhom. L-impenn għandu jittieħed fid-data li fiha l-persuna ġuridika takkwista l-proprjetà immobbli jew id-dritt fuq proprjetà immobbli jew is-sehem imsemmija fl-Artikolu 990 D jew, fir-rigward tal-proprjetà

immobbli, tad-drittijiet fuq proprjetà immobbli jew tal-ishma li kienu diġà fil-pussess tagħha fl-1 ta' Jannar 1993, sa mhux iktar tard mill-15 ta' Mejju 1993;

[...]"

10 L-Artikolu 990 F tas-CGI, kif applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, jipprovdi:

"It-taxxa hija dovuta fuq proprjetà immobbli jew drittijiet fuq proprjetà immobbli pposseduti fl-1 ta' Jannar tas-sena fiskali, bl-eċċezzjoni ta' proprjetà irreġistrata b'mod regolari fl-istokk ta' persuni ġuridiċi li jeżerċitaw il-professjoni ta' bejjiegħ ta' proprjetà jew ta' kuntrattur li jkun qed jibni għan-nom tiegħu stess. Fil-każ li teżisti katina ta' parteċipazzjoni, it-taxxa hija dovuta mill-persuna jew persuni ġuridiċi li, f'din il-katina, huma l-iktar qrib tal-proprjetà immobbli jew drittijiet fuq proprjetà immobbli u li ma humiex eżenti mill-applikazzjoni tas-subparagrafu 2° jew 3° tal-Artikolu 990 E. Kull persuna ġuridika li tintervjeni bejn id-debitur jew id-debituri tat-taxxa u l-proprjetà immobbli jew drittijiet fuq proprjetà immobbli hija responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' din it-taxxa.

Il-persuna ġuridika li, peress li naqset milli tosserva l-impenn previst fis-subparagrafu 3 tal-Artikolu 990 E, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-taxxa prevista fl-Artikolu 990 D, tista' teżenta ruħha sa mis-sena meta hija kkomunikat lill-amministrazzjoni tat-taxxa, l-informazzjoni msemmija fl-imsemmi subparagrafu 3° u fejn jidhol f'impenn ġdid li tikkomunikalu ulterjorment fuq talba tiegħu.

Il-persuni taxxabbli għandhom jiddikjaraw, l-iktar tard sal-15 ta' Mejju ta' kull sena, is-sitwazzjoni, il-konsistenza u l-valur tal-proprjetà immobbli u d-drittijiet fuq proprjetà immobbli inkwistjoni. Din id-dikjarazzjoni, akkumpanjata mill-ħlas tat-taxxa, hija ddepożitata fil-post stabbilit mid-digriet tal-Ministru responsabbli mill-baġit.

It-taxxa tinġabar skont ir-regoli u taħt is-sanzjonijiet u l-garanziji applikabbli għad-drittijiet ta' reġistrazzjoni. Huma applikabbli wkoll għat-taxxa, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 223d A.

Fil-każ ta' trasferiment tal-proprjetà immobbli, ir-rappreżentant previst f'I tal-Artikolu 244a A huwa responsabbli għall-ħlas tat-taxxa li tirriżulta dovuta f'din id-data."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

11 Prunus, kumpannija bis-sede tagħha fi Franza, hija 100 % proprjetà ta' Polonium, kumpannija holding taħt liġi Lussemburgiża li għandha s-sede tagħha fil-Lussemburgu. Din tal-aħħar hija hi stess proprjetà ta' 50 % ta' Lovett Overseas SA u Grebell Investments SA (iktar 'il quddiem "Lovett u Grebell"), kumpanniji rreġistrati fil-Gżejjer Verġni Britanniċi.

12 Matul is-snin 1998 sa 2002, Prunus kellha direttament jew indirettament bosta proprjetà immobbli li tinsab fit-territorju Franċiż.

13 Prunus u Polonium osservaw l-obbligi dikjaratorji tagħhom u ġew eżentati mill-ħlas tat-taxxa ta' 3 % skont l-Artikolu 990 E tas-CGI.

14 Min-naħa l-oħra, Lovett u Grebbel, l-aħħar ċrieki fil-katina ta' parteċipazzjoni, ġew suġġetti għal din it-taxxa kkalkolata fuq il-valur fis-suq tal-proprjetà immobbli miżmuma direttament jew indirettament fi Franza minn Prunus, kull waħda għal 50 %, peress li l-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 900 E tas-CGI ma ġewx sodisfatti minn dawn iż-żewġ soċjetajiet.

15 Fid-19 ta' Settembru 2005 u fl-24 ta' Jannar 2006, l-amministrazzjoni fiskali Franċiża intimat lill-Prunus sabiex tħallas l-ammonti li Lovett u Grebell kellhom jagħtu skont l-aċċertamenti nnotifikati fis-7 ta' Mejju 2003, fil-kwalità tagħha ta' debitur *in solididum* tat-taxxa ta' 3 % dovuta minn dawn il-kumpanniji. Peress li l-ilmenti mressqa minn Prunus, fit-30 ta' Settembru 2005 u fit-8 ta' Frar 2006, ġew miċħuda permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2006, Prunus appellat din id-deċiżjoni ta' ċaħda quddiem it-Tribunal de grande instance de Paris, sabiex tikseb l-eżenzjoni tal-imsemmija taxxa għas-snin 2001 u 2002 fil-kwalità tagħha ta' debitur *in solididum*.

16 Polonium ġiet iddikjarata mit-Tribunal de grande instance de Paris ammessa sabiex tintervjeni b'mod volontarju ma' Prunus, minħabba li din tipposjedi l-ishma kollha ta' din tal-aħħar.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal de grande instance de Paris iddeċieda li jissopendi l-proċeduri u jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikoli 56 *et seq* tat-Trattat KE jipprekludu leġiżlazzjoni bħal dik prevista mill-Artikoli 990 D *et seq* tal-Code général des impôts, li tagħti lill-persuni ġuridiċi li għandhom iċ-ċentru tat-tmexxija effettiv tagħhom fi Franza jew, mill-1 ta' Jannar 2008, fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, id-dritt li jibbenefikaw mill-eżenzjoni tat-taxxa kkontestata u li tissuġġetta dan id-dritt, f'dak li jikkonċerna l-persuni ġuridiċi li għandhom iċ-ċentru tat-tmexxija effettiv tagħhom fit-territorju ta' Stat terz, għall-eżistenza ta' konvenzjoni dwar għajnuna amministrattiva, iffirmata bejn Franza u dan l-Istat bil-għan li jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni fiskali, jew għall-fatt li, skont trattat li fih klawżola ta' nondiskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, dawn il-persuni ġuridiċi ma għandhomx ikunu ntaxxati iktar minn persuni ġuridiċi li għandhom iċ-ċentru tat-tmexxija effettiv tagħhom fi Franza?

2) L-Artikoli 56 KE *et seq* tat-Trattat KE jipprekludu leġiżlazzjoni bħal dik prevista mill-Artikolu 990 F tal-Code général des impôts li tippermetti lid-dipartiment fiskali sabiex iżomm responsabbli *in solidum* għall-ħlas tat-taxxa taħt l-Artikoli 990 D *et seq* tal-Code général des impôts kull persuna ġuridika mqiegħda bejn id-debitur jew id-debituri tat-taxxa u l-proprjetà immobbli jew id-drittijiet fuq proprjetà immobbli?"

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq l-ewwel domanda*

18 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li teżenta mit-taxxa fuq il-valur fis-suq tal-proprjetà immobbli li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, lill-kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fit-territorju ta' dan l-Istat u li tissuġġetta din l-eżenzjoni, għal kumpannija li l-uffiċċju rreġistrat tagħha jinsab fit-territorju ta' PTEE, għall-eżistenza ta' konvenzjoni ta' assistenza amministrattiva konkluża bejn l-imsemmi Stat Membru u dan it-territorju bil-għan li tiġi miġġielda l-frodi u l-evażjoni fiskali jew għar-rekwiżit li, skont Trattat li jinkludi klawżola ta' nondiskriminazzjoni skont il-post ta' stabbiliment, dawn il-persuni ġuridiċi ma għandhomx ikunu suġġetti għal taxxa iktar għolja minn dik li huma suġġetti għaliha l-kumpanniji stabbiliti fit-territorju ta' dan l-Stat Membru.

19 Peress li l-Gżejjer Verġni Britanniċi, fejn huma rreġistrati Lovett u Grebell, jidhru fil-lista tal-PTEE tal-Anness II tat-Trattat FUE, għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 63 TFUE japplikax għall-movimenti tal-kapital bejn l-Istati Membri u l-PTEE.

20 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 63 TFUE jipprojbixxi "kull restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi tkun projbita". Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali illimitat tal-imsemmija dispożizzjoni, għandu jiġi kkunsidrat li din tapplika neċessarjament għall-movimenti tal-kapital lejn u provenjenti mill-PTEE.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tistax ixxekkel il-moviment liberu tal-kapital.

22 Għandu jitfakkar li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali diġà kienet is-suġġett ta' eżami mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-Artikolu 63 TFUE, fis-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2007, ELISA (C-451/05, Ġabra p. I-8251) u tal-Artikolu 40 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU 1994, L 1, p. 3) fis-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010, Établissements Rimbaud (C-72/09, Ġabra p. I-10659). Issa, mis-sentenza ELISA, iċċitata iktar 'il fuq (punt 60), jirriżulta li investiment fi proprjetà immobbli transkonfinali, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jammonta għal moviment tal-kapital fis-sens tal-Artikolu 63 TFUE.

23 Diġà ġie ikkonstatat, fis-sentenzi ELISA u Établissements Rimbaud, iċċitati iktar 'il fuq, li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tammonta għal restrizzjoni għall-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital, sa fejn il-persuni ġuridiċi li ma għandhomx is-sede ta' tmexxija tagħhom fi Franza huma, bid-differenza ta' persuni taxxabbli oħra, suġġetti, skont l-Artikolu 990 E(2) u (3) tas-CGI, għal kundizzjoni supplementari, jiġifieri dik marbuta mal-eżistenza ta' konvenzjoni jew Trattat konkluż bejn ir-Repubblika Franċiża u l-Istat ikkonċernat. Fin-nuqqas ta' konvenzjoni bħal dan, persuna ġuridika li ma għandhiex is-sede ta' tmexxija tagħha fi Franza, issib ruħha mċaħda mill-possibbiltà li titlob b'mod effettiv l-eżenzjoni mit-taxxa ta' 3 % kkontestata skont l-Artikoli 990 D u 990 E(2) u (3) tas-CGI. Din il-kundizzjoni supplementari tista' twassal *de facto*, għal din il-kategorija ta' persuni ġuridiċi, sistema permanenti ta' nuqqas ta' eżenzjoni mill-imsemmija taxxa, li tirrendi

l-investiment fi proprjetà immobbli fi Franza inqas attraenti għall-kumpanniji li ma humiex residenti.

24 Fil-kawża prinċipali, huwa stabbilit li r-Repubblika Franċiża u l-Gżejjer Verġni Britanniċi ma ffirmaw l-ebda konvenzjoni ta' assistenza amministrattiva bil-għan li jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni fiskali jew ebda Trattat li jipprovdi li l-persuni ġuridiċi li ma għandhomx uffiċċju rreġistrat fi Franza ma għandhomx ikunu suġġetti għal taxxa iktar għolja mill-persuni ġuridiċi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat f'dan l-Istat Membru.

25 B'hekk jirriżulta li l-persuni ġuridiċi li għandhom uffiċċju rreġistrat fil-Gżejjer Verġni Britanniċi huma mċaħħda mill-possibbiltà li jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-taxxa ta' 3 %. Konsegwentement, din is-sistema trendi l-investiment fi proprjetà immobbli fi Franza inqas attraenti għal dawn il-kumpanniji mhux residenti. Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi, għall-imsemmija kumpanniji, restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, li hija, bħala prinċipju, ipprojbita mill-Artikolu 63 TFUE.

26 Madankollu, għadu jrid jiġi vverifikat jekk, hekk kif isostnu l-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni Ewropea, restrizzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tkun ikkunsidrata bħala restrizzjoni eżistenti fil-31 ta' Diċembru 1993, skont l-Artikolu 64(1) TFUE.

27 Skont l-Artikolu 64(1) TFUE, il-projbizzjoni tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-kapital, fis-sens tal-Artikolu 63 TFUE, ma jippreġudikax l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet li kienu jeżistu fil-31 ta' Diċembru 1993 għal Istati terzi, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali jew tad-dritt tal-Unjoni, għal dak li jikkonċerna l-movimenti ta' kapitali lejn jew minn tali Stati meta jkunu jimplikaw investimenti diretti, inklużi, fost oħrajn, l-investimenti fl-proprjetà immobbli.

28 F'dan ir-rigward, għandu jiġi stabbilit, l-ewwel nett, jekk il-PTEE, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, għandhomx jiġu assimilati għal Stati Membri jew għal Stati terzi.

29 Għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-PTEE huma s-suġġett ta' arranġamenti speċjali ta' assoċjazzjoni ddefiniti fir-Raba' Parti tat-Trattat b'mod li d-dispożizzjonijiet ġenerali tat-trattat, li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tiegħu huwa bħala prinċipju limitat għall-Istati Membri, ma humiex applikabbli għalihom jekk ma jiġix speċifikat espliċitament (ara s-sentenzi tat-12 ta' Frar 1992, Leplat, C-260/90, Ġabra p. I-643, punt 10; tat-28 ta' Jannar 1999, van der Kooy, C-181/97, Ġabra p. I-483, punt 37; tat-22 ta' Novembru 2001, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kunsill, C-110/97, Ġabra p. I-8763, punt 49, kif ukoll tat-12 ta' Settembru 2006, Eman u Sevinger, C-300/04, Ġabra p. I-8055, punt 46). Il-PTEE b'hekk jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni b'mod analogu għall-Istati Membri biss meta tali assimilazzjoni tal-PTEE għall-Istati Membri hija espressament prevista mid-dritt tal-Unjoni.

30 Issa, għandu jiġi kkonstatat li t-Trattati UE u FUE ma jinkludu l-ebda riferiment speċifika għall-movimenti tal-kapital bejn l-Istati Membri u l-PTEE.

31 Minn dan jirriżulta li l-PTEE jibbenefikaw mil-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-kapital pprovduta fl-Artikolu 63 TFUE fil-kwalità tagħhom ta' Stati terzi.

32 Interpretazzjoni bħal din hija kkonfermata mid-dispożizzjonijiet tas-Seba' Deċiżjoni PTEE, li ġiet adottata meta seħħet il-liberalizzazzjoni tal-movimenti tal-kapital fir-rigward tal-Istati terzi. Fil-fatt, l-Artikolu 47(2) tal-imsemmija deċiżjoni jipprovdi li l-Artikolu 64 TFUE huwa applikabbli *mutatis mutandis* għall-PTEE.

33 Sussegwentement, għandu jiġi eżaminat, jekk restrizzjoni bħal dik li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirrigwarda investimenti fil-proprjetà immobbli, tistax tiġi kkunsidrata bħala restrizzjoni eżistenti fil-31 ta' Diċembru 1993.

34 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kunċett ta' restrizzjoni eżistenti fil-31 ta' Diċembru 1993 jippresupponi li l-kuntest ġuridiku li fih taqa' ir-restrizzjoni inkwistjoni kien jifforma parti mis-sistema legali tal-Istat Membru kkonċernat minn dik id-data għal żmien mhux interrott. Fil-fatt, kieku kien mod ieħor, Stat Membru kien ikun jista', fi kwalunkwe mument, jintroduċi mill-ġdid ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-kapital lejn jew minn Stat terz li kienu jeżistu fis-sistema legali nazzjonali fil-31 ta' Diċembru 1993, iżda li ma nżammewx (sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, A, C-101/05, Ġabra p. I-11531, punt 48).

35 Mill-proċess li ġie ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet adottata bil-Liġi Nru 92-1376, tat-30 ta' Diċembru 1992, dwar il-Liġi Finanzjarja tal-1993 (JORF Nru 304 tal-31 ta' Diċembru 1992), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993. Ir-restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital provenjenti mill-PTEE li tirriżulta minn din il-leġiżlazzjoni b'hekk kienet teżisti qabel id-data tal-31 ta' Diċembru 1993 prevista fl-Artikolu 64(1) TFUE.

36 Min-naħa l-oħra, ma ġiex ikkontestat li l-verżjoni tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1993 u dik applikabbli fis-snin ta' tassazzjoni 2001 u 2002 inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom biss differenzi żgħar ta' redazzjoni, li bl-ebda mod ma jaffettwaw il-loġika tal-kuntest ġuridiku li kien jifforma parti mill-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru kkonċernat b'mod mhux interrott mill-31 ta' Diċembru 1993.

37 B'hekk jirriżulta li r-restrizzjonijiet li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huma ammessi fir-rigward tal-PTEE skont l-Artikolu 64(1) TFUE.

38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għall-ewwel domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 64(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Artikolu 63 TFUE ma jippreġudikax l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, eżistenti fil-31 ta' Diċembru 1993, li teżenta mit-taxxa fuq il-valur fis-suq ta' proprjetà immobbli li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni lill-kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fit-territorju ta' dan l-Istat u li tissuġġetta din l-eżenzjoni, għal kumpannija li l-uffiċċju rreġistrat tagħha tinsab fit-territorju ta' PTEE, għall-eżistenza ta' konvenzjoni ta' assistenza amministrattiva konkluża bejn l-imsemmi Stat Membru u dan it-territorju bil-għan li jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni fiskali jew għar-rekwiżit li, skont Trattat li jinkludi klawżola ta' nondiskriminazzjoni skont in-nazzjonalità, dawn il-persuni ġuridiċi ma għandhomx ikunu suġġetti għal taxxa iktar għolja minn dik li huma suġġetti għaliha l-kumpanniji stabbiliti fit-territorju ta' dan l-Stat Membru.

*Fuq it-tieni domanda*

39 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

**Fuq l-ispejjeż**

40 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 64(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Artikolu 63 TFUE ma jippreġudikax l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, eżistenti fil-31 ta' Diċembru 1993, li teżenta mit-taxxa fuq il-valur fis-suq ta' proprjetà immobbli li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea lill-kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fit-territorju ta' dan l-Istat u li tissuġġetta din l-eżenzjoni, għal kumpannija li l-uffiċċju rreġistrat tagħha tinsab fit-territorju ta' pajjiż u territorju extra-Ewropej, għall-eżistenza ta' konvenzjoni ta' assistenza amministrattiva konkluża bejn l-imsemmi Stat Membru u dan it-territorju bil-għan li jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni fiskali jew għar-rekwiżit li, skont Trattat li jinkludi klawżola ta' nondiskriminazzjoni skont in-nazzjonalità, dawn il-persuni ġuridiċi ma għandhomx ikunu suġġetti għal taxxa iktar għolja minn dik li huma suġġetti għaliha l-kumpanniji stabbiliti fit-territorju ta' dan l-Stat Membru.**

Firem